MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 38/1973/1

Pietro Paul Said u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmela Attard mart Philip stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza, u Carmela mart Pinu Attard u b'digriet tas-26 ta' April 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary sive Maria, John, Alfred, Joseph, Saviour, Peter Paul, Josephine mart Joseph Farrugia u Doreen mart Paul Buttigieg ahwa Attard, lkoll ulied il-mejta Carmela mart Philip Attard, kif ukoll f'isem Philip Attard armel ta' Carmela Attard usufruttwarju tal-mejta Carmel Attard stante l-mewt tal-istess Carmela Attard fil-mori tal-kawza (fol. 642)

Vs

Giuseppe Said u b'digriet tal-1 ta' Frar 1985 ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Maria mart Michele Grima minflok il-mejjet Giuseppe Said, u Rosa mart Giuseppe Curmi u b'digriet tas-6 t'April 1998, Dr. Aaron Attard Hili gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt battal ta' Rosa Curmi li mietet fil-mori tal-kawza (fol.

410) u b'digriet moghti fit-28 ta' Jannar 2003 (fol. 496) il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Paola Mercieca, Manuel, Angelo, Maria, Giuseppa lkoll ahwa Curmi l-qorti ordnat it-trasfuzjoni wara l-mewt ta' ommhom Rosa Curmi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-atturi fit-3 ta' Ottubru 1973 li permezz taghha ppremettew u talbu:-

Fis-26 ta' Novembru 1964 miet fin-Nadur Ghawdex, Salvu Said missier il-kontendenti b'testment *unica charta* ma' martu tal-11 ta' Lulju 1945 atti Francesco Refalo.

Fis-7 ta' Marzu 1967 mietet in-Nadur, Ghawdex Maria Said omm il-kontendenti bit-testment *unica charta* ma' zewgha fuq imsemmi u b'testment iehor tal-21 ta' Settembru 1965 atti Nutar Giuseppe Cauchi.

Ghalkemm l-imsemmija konjugi Said ma innominawx eredi, bit-testment unica charta fost legati ohra hallew lit-tfal taz-zewg uliedhom Assunta u Giuseppa li t-tnejn kienu mizzewga lill-Paola Azzopardi u li t-tnejn mietu qabel il-genituri taghhom somma flus ghas-saldu ta' kwalunkwe dritt taghhom fuq il-wirt ta' l-istess testaturi liema somma giet mhallsa lill-ahwa Azzopardi mill-konvenut Guiseppe Said skond kif inkarigat bl-istess testment.

Peress illi ghalhekk il-kontendenti huma l-unica eredi tal-imsemmija konjugi Said.

Peress illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossedu aktar in komun mal-konvenuti l-beni lilhom derivanti mill-wirt tal-genituri taghhom.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-qorti sabiex :-

1. tillikwida l-assi konjugali ezistenti bejn l-imsemmija Salvu u Maria Said billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

2. tiddividi l-assi konjugali hekk likwidati f’zewg porzjonijiet ugwali u assenjati porzjon ereditorju ta’ Maria Said.
3. tillikwida l-assi ereditarji ta’ Salvu Said billi jigi dikjarat li jikkonsistu f’nofs l-assi konjugali kif likwidat u f’dawk il-beni parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.
4. l-assi ereditarji ta’ Salvu Said kif likwidati, wara li jigu prelevati u assenjati l-legati fejn ikun il-kaz, jinqasmu bejn il-kontendenti f’porzjon ugwali.
5. tillikwida l-assi ereditarji ta’ Maria Said billi jigi dikjarat li jikkonsistu f’nofs l-assi konjugali kif likwidati u f’dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.
6. L-assi ereditarji ta’ l-istess Maria Said, wara li jigu prelevati u assenjati l-legati fejn ikun il-kaz, jigu divizi f’erbgha porzjonijiet ugwali u assenjati porzjon kull wiehed lill-kontendenti.
7. ghaliex ma ghandux jigi nominat Nutar biex jippublika l-atti opportun ta’ likwidazzjoni u divizjoni fil-lok, hin u gurnata li jigu fissati u kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fit-23 ta’ Ottubru 1973 mill-konvenuti Giuseppe Said u Rosa mart Giuseppe Curmi (fol.15) fejn eccepew li m’humiex opposti ghad-divizjoni, pero’ la jaqblu dwar il-kwoti u lanqas dwar il-konsistenza tal-assijiet in divizjoni, kif dikjarati mill-atturi.

Rat l-atti kollha, inkluz ir-rapporti tal-perit legal Dr Joseph Micallef Stafrace u l-perit Joseph Dimech u tal-perit addizzjonali Dr Grazio Mercieca u l-periti Emanuel Vella u Anton Valentino.

Ikkunsidrat:-

1. F’din il-kawza qieghed jintalab il-qasma tal-wirt ta’ Salvu Said (miet fis-26 ta’ Novembru 1964) u martu Maria Said (mietet fis-7 ta’ Marzu 1967). Il-konjugi Said kellhom sitt itfal: Peter Paul Said, Carmela Attard, Giuseppe Said u Rosa Curmi, Assunta Azzopardi u Giuseppa Azzopardi. L-ahhar tnejn mietu qabel il-genituri taghhom.

Illum il-gurnata l-ahwa huma kollha mejtin:-

**Peter Paul Said** – miet fis-16 ta' Settembru 1997 (fol. 399). Saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem il-konvenuta Carmela Attard in kwantu b'testment li sar fit-2 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani (fol. 400) istitwixxa lill-ohtu Carmela Attard bhala werrieta universali tieghu.
**Carmela Attard** – mietet fl-14/2/2005 (fol. 643). Saret trasfuzjoni tal-gudizzju (digriet moghti fis-26 ta' April 2005 – fol. 655) f'isem it-tmien uliedha (8), Mary sive Maria, John, Alfred, Joseph, Saviour, Peter Paul, Josephine Farrugia, Doreen Buttigieg ilkoll ahwa Atard, u zewgha Philip Attard.
**Giuseppe Said** – miet fis-27 ta' Lulju 1983 (fol. 44). Saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Maria Grima (digriet tal-25 ta' Frar 1986 a fol. 167) li hi neputija tieghu u bint Pietro Paolo Azzopardi u Assunta xebba Said[1].
**Rosa Curmi** – mietet fis-27 ta' Lulju 1987 (fol. 497). Saret trasfuzjoni tal-gudizzju (digriet moghti fit-28 ta' Jannar 2003) f'isem il-hames (5) uliedha Paola mart Joseph Mercieca, Manuel, Anglu, Maria, Giuseppa lkoll ahwa Curmi.

Il-konjugi Said ghamlu testment *unica charta* fil-11 ta' Lulju 1945 fl-atti tan-nutar Dr Francesco Refalo (fol. 96). F'dan it-testment taw lis-superstiti fosthom id-dritt li jvarja t-testment minghajr ma jinkorri fil-penali kontemplata mil-ligi. Fil-21 ta' Settembru 1965 fl-atti tan-nutar Dr Giuseppi Cauchi (fol. 11), Maria Said ghamlet testment iehor.
Il-konjugi Said ma nnominawx werrieta, u ghalhekk is-successjoni taghhom hi *ab intestato*. Madankollu l-wirt taghhom ghandu jinqasam bejn erbat ahwa, Peter Paul Said, Carmela Attard, Giuseppe Said u Rosa Curmi. Dan peress li skond it-testment tal-11 ta' Lulju 1945 hallew legat lill-ulied Assunta Azzopardi u Giuseppa Azzopardi. Fil-fatt ordnaw li:-

a. In-neputija Assunta Azzopardi (mizzewwga Sammut) bint Paolo Azzopardi u **Giuseppa xebba Said**

[1] Ara testment 20/11/1982 a fol. 45 fejn Maria Grima giet nominata bhala werrieta universali ta' Giuseppe Said.

ghandha tiricievi 600 sterlina bhala shemha *"....and shall have no other right nor immovables."* (fol. 100).

b. In-neputijiet Carmelo Azzopardi, Giuseppe Azzopardi, Giuseppa Azzopardi (mizzewwga Sammut) u Maria Azzopardi (mizzewwga Grima), ulied Paolo Azzopardi u **Assunta xebba Said** ghandhom jircievu kull wiehed 150 sterlina, *"....and they must have only the said sum of money and no rural or urban tenement must be had by them......"* (fol. 97). Hlas li skond it-testment kellu jiehu hsieb li jsir Giuseppe Said.

Jirrizulta li permezz ta' skrittura privata li saret fl-20 ta' Settembru 1972 (fol. 109) sar il-hlas lill-ulied Giuseppa Azzopardi u Assunta Azzopardi mill-konvenut Giuseppe Said (li l-werrieta tieghu hi Maria Grima).

2. Fil-qosor fit-testment li sar fil-11 ta' Lulju 1945 (fol. 96), it-testaturi ordnaw:-

a. Hallew lil xulxin uzufruttwarji tal-gid kollu taghhom.

b. Mis-somma kapitali ta' elf sterlina depozitati fil-Gozo Savings Bank, Ghawdex tinghata 600 lira sterlina lill-ulied il-mejta binthom Assunta mart il-mejjet Paul Azzopardi. Ordnaw ukoll li dawn l-ulied (Carmelo, Giuseppe, Giuseppa u Maria ahwa Azzopardi) m'ghandhomx jircievu xi sehem mill-immobbli rurali jew urbana. Il-bilanc ta' 400 lira sterlina ghandha tinqasam bejn il-hames uliedhom, cjoe' Giuseppa Azzopardi, Rosa Curmi, Peter Paul Said, Giuseppe Said u Carmela Said.

c. Iddikjaraw li kellhom is-somma ta' elf lira sterlina depozitati mal-Government Post Office. Riedu li mill-imghax is-somma ta' tlett liri sterlina tintuza ghac-celebrazzjoni ta' quddiem kull sena ghal ruhhom u jithallsu l-ispejjez tal-funeral. Il-bilanc tal-imghax ghandu jithallas lil uliedhom li jibqghu jghix maghhom u li fiz-zmien tat-testment iddikjaraw li huma: Peter Paul Said, Giuseppe Said u Carmela Said. Meta jinqasmu dawn il-flus, ordnaw li Giuseppa Azzopardi tirriverti s-somma ta' 65 lira sterlina, Rosa Curmi 65 lira sterlina, u Assunta Azzopardi 65 lira sterlina.

d. L-ghamara u l-annimali ghandhom jitqiesu l-proprjeta' ta' wliedhom li jibqghu jghixu maghhom.
e. Ordnaw li uliedhom Giuseppa Azzopardi, Rosa Curmi u Assunta Azzopardi ghandhom jirritornaw il-flus li rcevew bhala dota.
f. Peter Paul Said inghata d-dritt li jzomm il-fond 15 (in-numru ta' dan il-fond sar 22), Triq Cimcem, Nadur u mandretta b'kejl ta' cirka mondello li tinsab fi Triq Tramuntana, Nadur, Ghawdex, akkont ta' sehemu mill-wirt. Ghal dan il-ghan ghandha ssir stima minn perit fi zmien il-qasma.
g. Il-fond 21 (in-numru ta' dan il-fond sar 34), Triq Qala, Nadur, Ghawdex u l-mobbli kollha li kien hemm fih ghandhom jittiehdu minn Giuseppe Said u Carmela Said akkont ta' sehemhom mill-wirt tat-testaturi. Ghal dan il-ghan ghandha ssir stima minn perit fi zmien il-qasma.

3. Fil-21 ta' Settembru 1965 fl-atti tan-nutar Dr Giuseppi Cauchi, Maria Said ghamlet testment li fih ordnat:-
a. Ikkonfermat it-testment *unica charta* li ghamlet ma' zewgha fil-11 ta' Lulju 1945 fl-atti tan-nutar Dr Giuseppi Cauchi diment li ma jmurx kontra d-disposizzjonijiet ta' dan it-testment.
b. Irrevokat il-legat imholli lil uliedhom Giuseppe Said u Carmela Said, in kwantu joqlot sehemha, tal-fond 34, Triq Qala, Nadur, Ghawdex flimkien mal-mobbli li jinsabu fih.
c. Halliet b'legat lil binha Giuseppe Said sehemha mill-fond 34, Triq Qala, Nadur, Ghawdex.
d. Hassret il-legat imholli permezz tat-testment *unica charta* tal-11 ta' Lulju 1945 tar-raba' maghrufa ta Triq it-Tramuntana, Nadur, Ghawdex.
e. Halliet b'legat lil Marija mart Mikiel Grima, il-porzjon raba' fi Triq it-Tramuntana, Nadur u li tikkonsisti f'zewg porzjonijiet raba' separati b'kejl ta' xi sighajn.
f. Hassret il-legat imholli bit-testment tal-11 ta' Lulju 1945 lil binhom Peter Paul Said tad-dar 23, Triq Cemcem, Nadur, Ghawdex in kwantu tolqot in-nofs indiviz taghha. Minflok halliet b'legat *"....barra minn sehemu thalli a favur ta' binha Pietru Pawlu Said in-nofs indivis lilha testatrici spettanti minn dan il-lok ta' Triq Cemcem, numru illum*

*tlieta u ghoxrin Nadur, Ghawdex, bil-gardina ta' xi kejla minn nofsinhar."*.

4. Mir-rapport imhejji mill-perit tekniku Joseph Dimech (fol. 115) jirrizulta li fil-wirt hemm dawn l-immobbli:-

(i) Dar numru 22, Triq Cimcem, Nadur.
(ii) Dar numru 34, Triq il-Qala, Nadur.
(iii) Dar bla numru Triq Cini, Nadur.
(iv) Raba' Ta' Dahlet Qorrot I, Nadur.
(v) Raba' ta' Dahlet Qorrot II, Nadur.
(vi) Raba' ta' Dahlet Qorrot III, Nadur.
(vii) Raba' ta' Dahlet Qorrot IV, Nadur.
(viii) Raba' ta' Wied ir-Rahan, limiti Nadur.
(ix) Raba' Tax-Xemmiex, sive ta' Wied Bingemma, Nadur.
(x) Raba' ta' Goz-Zebbug, Wied Bingemma, Nadur.
(xi) Raba' ta' Borg Gharib, Triq il-Qala, limiti Nadur.
(xii) Tliet porzjonijiet raba' fi Triq it-Tigrija (Triq it-Tramuntana), Nadur.

Mill-provi li tressqu ma jirrizultax li xi hadd mill-kontendenti kkontesta din il-lista. Fir-rapport saret ukoll deskrizzjoni ta' kull proprjeta (fol. 117-124) u stima tal-valur (fol. 133).

5. B'digriet moghti fit-13 ta' Marzu 1992 (fol. 25) il-qorti nnominat lill-avukat Dr Grazio Mercieca, perit Emanuel Vella u perit Guido Vella bhala periti addizzjonali. Dan wara li b'nota prezentata mill-atturi fil-25 ta' Ottubru 1991 (fol. 256) gie dikjarat li *"....hassew ruhhom aggravati mir-relazzjoni ulterjuri tal-periti Dr Joseph Micallef Stafrace u dak tal-perit Joseph P. Dimech jitolbu li jinhatru periti perizjuri skond il-ligi."*. Il-perit Guido Vella gie sostitwit bil-perit Anton Valentino. Ir-rapport addizzjonali tal-ewwel periti gudizzjarji kien jittratta biss dwar il-fond numru 34, Triq il-Qala, Nadur u esprimew l-opinjoni li jkun ahjar jekk dan il-fond jinbiegh b'licitazzjoni (fol. 228-230). Madankollu l-periti addizzjonali ttrattaw il-kaz kollu. Madankollu f'seduta li saret quddiem l-Assistent Gudizzjarju fit-13 ta' Ottubru 2005 (fol. 665), il-partijiet

waslu fi ftehim li *"....l-process ghandu jigi rimess lill-istess periti sabiex jirrevedu l-konkluzjonijiet a tenur tal-verbal tat-13 ta' Jannar 2003."*. Permezz ta' dak il-verbal, li kien jirreferi ghal seduta li saret quddiem il-periti addizzjonali, il-partijiet kienu waslu fi ftehim dwar il-mod kif kellhom jipprocedu l-periti addizzjonali fil-qadi tal-inkarigu taghhom.

6. **<u>Fond 22, Triq Cimcem, Nadur, Ghawdex u l-mandretta Triq Tramuntana, Nadur, Ghawdex</u>.**

Skond it-testment li sar:-
(a) **Min-naha tal-missier** – ta d-dritt lill-ibnu Peter Paul Said sabiex izomm akkont ta' sehemu, il-beni fuq imsemmija.
(b) **Min-naha tal-omm** – permezz tat-tieni testment li ghamlet wara l-mewt ta' zewgha, halliet b'legat lil binha Pietru Paul Said sehemha mill-fond 22, Triq Cimcem, Nadur u l-giardina annessa. Fl-istess hin irrevokat dik il-parti tat-testment tal-11/7/1945 fejn thalliet l-art fi Triq Tramuntana, Nadur in kwantu tolqot lil sehemha.

Il-periti addizzjonali stmaw dan il-fond fis-somma ta' Lm20,000 (€46,587.47) [fol. 542].

Il-qorti ser tqies li Peter Paul Said kien ghazel li jzomm din il-proprjeta' bhala akkont minn sehemu. B'dan li fir-rigward ta' mandretta fi Triq Tramuntana, Nadur, Ghawdex hemm qbil li tifforma parti mill-gid parafernali ta' Maria Said u li l-art thalliet lin-neputija taghha Maria Grima (ara fol. 552).

Ifisser li nofs il-valur tal-fond (Lm10,000) irid jitqies bhala sehem Peter Paul Said mill-wirt ta' missieru.

7. **<u>Fond 34, Triq Qala, Nadur, Ghawdex</u>.**

Skond testmenti li saru:-
(a) **Min-naha tal-missier** – ¼ lil Giuseppi Said u ¼ lil Carmela Said, inkluz il-mobbli, akkont ta' sehemhom mill-wirt.

(b) **Min-naha tal-omm** – permezz tat-tieni Artikolu (testment 21/9/1965) irrevokat dik il-parti tat-testment tal-11/7/1945 li tolqot sehemha mill-fond u mill-mobbli, u minflok sehemha mill-fond hallietu b'legat lil Giuseppi Said[2].
(c) **Ghal dawk li huma mobbli li jinsabu fil-fond** - baqghet tapplika d-disposizzjoni li saret fit-testment tal-11 ta' Lulju, 1945 fl-atti tan-nutar Dr Francesco Refalo u cjoe' li thallew lil Giuseppi u Carmela ahwa Said. Jigi rilevat li Maria Said, permezz tat-testment li ghamlet wara l-mewt ta' zewgha, ma kenitx hassret din id-disposizzjoni.

Ghalhekk m'hemmx dubju li s-sehem hu ta' ¾ lil Maria Grima (bhala werrieta ta' Giuseppi Said) u ¼ lill-werrieta ta' Carmela Said. Fis-seduta li kienet saret quddiem il-periti addizzjonali fit-3 ta' Jannar 2003 (fol. 552) u li ghaliha jidher li kien prezenti rapprezentant ghal kull parti, gie dikjarat li l-fond jigi stmat **Lm80,000**.

Minhabba dak li ddispona l-missier, ifisser li Giuseppi Said u Carmela Said diga' rcevew Lm20,000 kull wiehed mill-wirt ta' missierhom.
F'rapport li sar mill-perit addizzjonali gie dikjarat li l-fond hu kommodament divizibbli u fil-fatt ippreparaw pjan ta' qasma muri fil-pjanta a fol. 291 fejn qasmu l-fond f'zewg porzjonijiet: **porzjon A li tikkonsisti f'1/4 u porzjon B li tikkonsisti fi ¾.**

Carmela Attard kienet qeghda ssostni li ghandha tinghata sehemha *in natura*. Min-naha ta' Maria Grima, fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fit-12 ta' Mejju 2009, jirrizulta li wara dawn is-snin kollha qeghda issa taqbel li l-fond ghandu jinqasam bil-mod li pproponew il-periti addizzjonali; *"Illi jirrizulta mir-rapporti tal-periti teknici li dan il-fond huwa kommodament divizibbli, u jista' jinqasam f'zewg porzjonijiet ta' tliet kwarti (3/4) u kwart (1/4),* ***u fil-fatt gie imhejji pjan ta' qasma ta' dan il-fond, li l-esponenti tiddikjara li qed taqbel ma' dan il-pjan****. Il-porzjon il-kbira u cioe' dik markata bl-ittra B ghandha tigi assenjata lill-esponenti."* (fol. 764).

[2] Tielet Artikolu tat-testment 21 ta' Settembru 1965 (fol. 11).

8. **<u>Tlett (3) porzjonijiet raba' fi Triq it-Tigrija (Triq it-Tramuntana), Nadur (ara pjanti EV13 u EV14 a fol. 584-585)</u>.**

Thallew minn Maria Said b'legat lil Maria Grima (Artikolu Hamsa tat-testment 21/9/1965). Fis-seduta tat-3 ta' Jannar 2003 li saret quddiem il-periti addizzjonali gie dikjarat li hemm qbil li din l-art ghandha tithalla barra mill-qasma, *"....billi dawn gew legati lil Maria Grima barra minn sehemha minn nannitha Maria Said; u li din il-proprjeta' kienet parafernali tal-istess Maria Said."* (fol. 552). F'dan il-kuntest hi wkoll rilevanti d-denunzja ta' Maria Said (fol. 105) fejn din l-art tissemma li hi proprjeta' taghha. Inoltre ma tissemmix fid-denunzja ta' Salvu Said (fol. 101).

9. **<u>Proprjeta' assenjata bil-kelma fl-okkazzjoni ta' zwieg</u>**.

Jidher li fl-okkazzjoni taz-zwieg ta' whud mit-tfal ta' Salvu u Maria konjugi Said, kienu inghataw xi proprjeta' bil-kelma. F'dan il-kuntest fis-seduta tat-3 ta' Jannar 2003 sar qbil li dik il-proprjeta' tigi assenjata bhala sehem mill-wirt lil dik il-parti li lilha nghatat fiz-zmien taz-zwieg. F'dan il-kuntest lil:-

(a) **Carmela Attard** – porzjon raba' ta' Goz-Zebbug stmata bil-valur ta' Lm150 (fol. 566) u murija fil-pjanta **Dok. EV11** (fol. 582) b'kejl ta' cirka 150 metri kwadru.
(b) **Rosa Curmi** – porzjon raba' ta' Wied Bingemma stmata bil-valur ta' Lm600 (fol. 566) u murija **Dok. EV10** (fol. 581) b'kejl ta' cirka 580 metru kwadru.
(c) **Maria Grima** – porzjon raba' ta' Xurdin, Nadur stmata bil-valur ta' Lm1,500 (fol. 566) u murija **Dok. EV15** (fol. 586) b'kejl ta' cirka 980 metri kwadru.

10. **<u>Proprjeta' immobbli li tibqa'</u>.**

Jibqghu dawn l-immobbli x'jinqasmu:

(a) Fond bla numru fi Triq Cini, Qala flimkien ma' porzjon raba' zghira .........valur Lm31,000 (pjanti EV2 u EV3) [fol. 573-574].
(b) Porzjon raba' ta' Dahlet Qorrot, Nadur......valur Lm180,000 (pjanta EV4) [fol. 575] u murija wkoll Dok X a fol. 568[3] fejn il-periti ghamlu l-pjan ta' qasma. Kejl ta' cirka 3000 metri kwadru.
(c) Porzjon raba' ta' Dahlet Qorrot, Nadur............. valur Lm20,000 (pjanta EV5) [fol. 576]. Kejl ta' cirka 2300 metri kwadru.
(d) Porzjon raba' ta' Dahlet Qorrot, Nadur............... valur Lm2,050 (pjanta EV6) [fol. 577. Kejl ta' cirka 1,367 metri kwadru.
(e) Porzjon raba' ta' Dahlet Qorrot, Nadur............... valur Lm2,050 (pjanta EV7) [fol. 578]. Kejl ta' cirka 1370 metri kwadru.
(f) Raba' ta' Wied Rihan u raba' ohra vicin............. valur Lm12,500 (pjanti EV8-EV9) [fol. 580]. Kejl ta' cirka 168 metri kwadru.
(g) Raba' Ta' Borg Gharib, Triq Qala, Nadur............... valur Lm5,000 (pjanti EV12) [fol. 583]. Kejl ta' cirka 2570 metri kwadru.

Min-naha tal-werrieta ta' Rosa Curmi, permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-15 ta' April 2008 ikkritikaw ir-rapport addizzjonali (fol. 535) in kwantu:-

i. Ikkontestaw il-valuri li taw il-periti addizzjonali ghaliex jippretendu li m'humiex proporzjonati mal-valuri tal-perit tekniku Joseph Dimech. Il-qorti tqies li l-valuri stabbiliti mill-periti addizzjonali ma jistghux jigu paragunati ma' dawk tal-ewwel perit tekniku. L-ewwel stima saret fis-sena 1984 filwaqt li l-perit addizzjonali ghamlu r-rapport fis-sena 2003 cjoe' kwazi 20 sena wara. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 l-avukat Dr Angele Formosa ghall-familja Curmi spjegat li l-kontestazzjoni hi dwar il-valur eccessiv li nghata ghar-raba EV5 (ara fol. 566)[4] u l-istima baxxa li saret fir-rigward tal-fond 22, Triq Cimcem, Nadur, Ghawdex[5]. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru

[3] Prezentata mar-relazzjoni tal-periti teknici fl-24/6/2003 (fol. 566).
[4] Lm20,000 (€46,587).
[5] Lm20,000 (€46,587).

2005 il-periti teknici spjegaw li r-raba EV5 (ta' Dahlet Qorrot) qeghda *"...vicin hafna z-zona ta' l-izvilupp."* [6], u din kienet ir-raguni ghalfejn din ir-raba' nghatat valur gholi meta paragunat ma' proprjeta ohra. Il-perit Anton Valentino kompla jispjega: *"Ahna qed nithaddtu fuq* ***tomnejn raba', tomnejn raba' qrib iz-zona ta' zvilupp u ahna deherilna li ghaxart elef lira t-tomna huwa prezz gustifikat.****"* (fol. 667 – enfazi mizjuda). Il-qorti ma tqiesx li l-werrieta ta' Rosa Curmi ressqu argumenti validi li jistghu b'xi mod jikkonvincuha biex tiskarta l-parir tekniku moghti mill-periti addizzjonali.

ii. Maria Grima, werrieta ta' Giuseppi Said, inghatat vantagg minhabba s-semplici fatt li kienet qeghda tokkupa parti mill-proprjeta' minghajr kunsens tal-partijiet l-ohra. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009, l-avukat Dr Angele Formosa ghall-ahwa Curmi spjegat li *"....l-werrieta ta' Guzeppi Said qeghdin jinghataw vantagg mill-fatt li gew assenjati fond li qeghdin jokkupaw. Dan qieghed isir b'riferenza ghall-fond li qieghed il-Qala, Ghawdex."*. Pero' l-fond tal-Qala, cjoe' dak fi Triq Cini, Qala gie assenjat lill-familja Attard (porzjon A) u mhux lil Maria Grima bhala werrieta ta' Giuseppi Said.

Fl-istess nota saret ukoll riferenza ghar-raba' fi Triq it-Tigrija in kwantu jsostnu li l-periti addizzjonali ma nkludewx din ir-raba' fil-pjan ta' qasma. Il-qorti hi tal-fehma li ghamlu sew in kwantu kif osservat, din ir-raba' kienet parafernali ta' Maria Said u thalliet b'legat lil Maria Grima.

Il-qorti hi tal-fehma li l-pjan ta' qasma tal-immobbli propost mill-periti addizzjonali jidher gust u ekwu u ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan ghandu jithassar. Dan fis-sens li minn dan il-pjan ta' qasma jidher li l-partijiet ser jiehdu proprjeta' in natura f'valur kwazi ugwali. Hekk per ezempju fir-rigward tal-porzjon raba' ta' Dahlet Qorrot kull sehem ser ikollu parti mill-art li hi fabrikabbli. Fis-seduta li saret fid-9 ta' Lulju 2009, gie dikjarat hekk:-

---

[6] Perit Emanuel Vella.

(a) Fir-rigward tal-immobbli li jissemmew f’porzjon “A” Dr Kevin Mompalao ghal Alfred Attard jirrimetti ruhu u Dr Joseph Grech ghall-kumplament tal-ahwa Attard jiddikjara li hemm qbil ma’ dak propost mill-periti addizzjonali. Id-difensur ta’ Alfred Attard iddikjara wkoll li l-patrocinat tieghu jrid jibqa’ fil-pussess tar-raba’ maghrufa bhala tal-Gebel l-Ahmar.
(b) Maria Grima tiddikjara li taqbel ma’ dak propost mill-periti addizzjonali bhala l-porzjon “B”.

B’riferenza ghall-ilmenti ta’ Curmi ghall-pjan ta’ qasma, dawn gew trattati hawn fuq. Dwar jekk il-qasma ghandix issir permezz ta’ assenjazzjoni, din il-parti rrimettiet ruhha.

Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonferma dan il-pjan ta’ qasma (ara fol. 545) u cjoe:-

**<u>Sehem ta’ Pietro Paolo Said u ohtu Carmela Attard (qieghed jitqies bhala wiehed peress li Carmela Attard wirtet lil Pietro Paolo Said) – PORZJON A</u>**:-

½ tal-fond 22,Triq Cimcem, Nadur..............................Lm10,000
¼ tal-fond 34, Triq Qala, Nadur..................................Lm20,000[7]
Dar bla numru, Triq Cini, Qala u porzjon raba’ zghira..............................................................Lm31,000
EV4(i) u EV4(ii) ta’ raba’ Dahlet Qorrot........................Lm92,000[8]
EV11.............................................................Lm150
**TOTAL Lm153,150 (€356,743.54)**

**<u>Sehem ta’ Giuseppi Said (Maria Grima hi l-werrieta) - PORZJON B</u>**:-

[7] Il-parti markata bhala “A” fil-pjanti li ghamlu l-periti Emanuel Vella u Anton Valentino (annessa mar-rapport tal-imsemmija periti).
[8] Ara pjanta a fol. 568 markata bhala dok. X li fir-rapport tal-periti teknici addizzjonali jinghad li giet markata bhala Dok. EV4A.

1/4 ta' 34, Triq Qala, Nadur.......................................Lm20,000
EV(iv), (v) u (vi) tar-raba' Dahlet Qorrot, Nadur...........Lm34,000
EV12 – raba' ta' Borg Gharib, Triq Qala, Nadur.............Lm5,000
EV15 - raba' ta' Xurdin, Nadur....................................Lm1,500
EV6 – raba' ta' Dahlet Qorrot......................................Lm2,050
EV 8 u EV9 – raba' ta' Wied Rihan................................Lm12,500
**TOTAL Lm75,050 (€174,819.47)**.

**<u>Sehem ta' Rosa Curmi – PORZJON C</u>**:-

EV(iii), (vii) u (viii) tar-raba' Dahlet Qorrot, Nadur..........Lm54,000
EV5 – raba ta' Dahlet Qorrot, Nadur.............................Lm20,000
EV10 – raba' ta' Wied Bingemma.................................Lm600
EV7 – raba ta' Dahlet Qorrot, Nadur..............................Lm2,050
**TOTAL Lm76,650 (178,546.47)**.

11. Fir-rigward tal-mobbli, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 il-partijiet iddikjaraw li m'hemmx affarijiet ta' valur. Il-partijiet ftehemu hekk (ara verbal tas-seduta 3 ta' Jannar 2003 – fol. 552), ftehim li ser jigi addottat mill-qorti:-

(a) Carmela Attard tigi assenjata gradenza tal-kewba bl-irham u zewg vazuni. L-eredi ta' Rosa Curmi jigu assenjati arlogg tal-kampnar. Il-kumplament tal-oggetti qeghdin jigu assenjati lill-werrieta ta' Giuseppi Said (Maria Grima).
(b) Flus fid-dar, *".....il-partijiet jaqblu li Rosa Curmi hadithom, u kull ma fadal biss is-sehem ta' Cla Attard u Pawlu Said. Ghalhekk Maria Grima tkun*

*obbligata thallas is-somma ta' Lm800 lil Carmela Attard bhala sehemha u sehem Pawlu Said."* (fol. 553).

(c) Flus li hemm fil-bank iridu jinqasmu bejn il-partijiet skond is-sehem rispettiv (ara ittra tal-HSBC datata 12 ta' Settembru 2002 a fol. 563 dwar kont Maria Said ta' 34, Triq il-Qala, Nadur li mietet fit-8 ta' Marzu 1968 (kont numru 071035547050). B'dan li mis-somma li tigi assenjata lil Rosa Curmi ghandha titnaqqas is-somma ta' €151 biex taghmel tajjeb ghad-dota (ara testment unica charta, l-ahhar paragrafu ta' fol. 97). Ma tressqux iktar provi li ghad hemm xi investiment monetarji ohra.

12. Ghal dik li hi raba' mqabbla, il-provi huma skarsi hafna. Fis-seduta tat-3 ta' Jannar 2003 gie dikjarat li r-raba' mqabbla li hemm ghall-qasma hi dik indikata fil-paragrafi B, C, D, E u F (ara rapport tal-perit Joseph Dimech – fol. 133b). Din ir-raba', skond ir-rapport hi s-segwenti:-

i. **B** - Raba' ta' Bordin (1), limiti tan-Nadur kejl ta' 7 sighan[9] – hlas ta' Lm1.50 fis-sena – Mikiel Grima ghandu d-detenzjoni.
ii. **C** - Raba' ta' Bordin (2), limiti tan-Nadur kejl ta' cirka tomna u l-ohra ta' cirka siegh – hlas ta' Lm1.25 fis-sena – Mikiel Grima ghandu d-detenzjoni.
iii. **D** – Raba' ta' Bordin (3) ta' cirka zewg sighan, limiti tan-Nadur.
iv. **E** – Raba' ta' Bordin (4) limiti tan-Nadur ta' cirka siegh.
v. **F** - Raba ta' Gebel l-Ahmar fil-limiti tan-Nadur. Kejl ta' cirka tlett itmiem u nofs – Peter Paul Said kellu d-detenzjoni.

Illum ir-raba' ma tistax tinqasam f'erbgha (4) porzjonijiet. Waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 il-partjiet jidhru li qeghdin jaqblu li r-raba' ta' Bordin tikkonsisti f'B, C u E. Fin-nuqqas ta' provi l-qorti ser tipprova taddotta soluzzjoni prattika fis-sens li ser tordna li l-qbiela tar-raba' ta' Gebel l-Ahmar tigi assenjata f'porzjon A (is-sehem ta' din il-

[9] Siegh hu ekwivalenti ghal 187.4 metri kwadru.

porzjon hu ikbar mill-porzjonijiet l-ohra); porzjon B tigi assenjata l-qbiela tar-raba' ndikata bl-ittra "C", filwaqt li porzjon C tigi assenjata l-qbiela tar-raba' ndikata bl-ittri "B" u "E" u jekk tezisti bl-ittra "D". Il-qorti m'hijiex tal-fehma li wara dawn is-snin kollha ghandhom isiru iktar spejjez bin-nomina ta' iktar esperti.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Salvatore u Maria konjugi Said huma dawk li gew elenkati hawn fuq.**

**2. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati li hallew it-testaturi, u cjoe' lil:-**

**a. Maria Grima r-raba' fi Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex.**
**b. Tlett partijiet minn erbgha (3/4) lil Giuseppi Said, ossija Maria Grima bhala l-werrieta tieghu tal-fond 34, Triq Qala, Nadur, Ghawdex. Parti minn erbgha (1/4) lil Carmela Attard, illum il-werrieta taghha, tal-fond 34, Triq Qala, Nadur, Ghawdex. Tiddikjara li dan il-fond hu kommodament divizibbli f'dawn l-ishma u tordna li ghandu jinqasam f'dawn l-ishma bil-mod kif muri fil-pjanta li hejjew il-periti gudizzjarji Emanuel Vella u Anton Valentino u anness mar-rapport ulterjuri li kienu kkonfermaw bil-gurament fis-6 ta' April 1994 u 14 ta' Jannar 1994 rispettivament (ara Volum I tal-atti).**
**c. Nofs indiviz (1/2) lil Peter Paul Said, illum l-ahwa Attard wara l-mewt ta' ommhom Carmela Attard li wirtet lil Peter Paul Said, tal-fond 22, Triq Cimcem, Nadur, Ghawdex.**

**3. Tordna d-divizjoni tal-kumplament tal-assi ereditarji bil-mod stipulat fil-paragrafi enumerati hdax (11), tnax (12) u tlettax (13) tas-sentenza. Ghal dawk li huma immobbli tordna li dawn jinqasmu b'dan il-mod:- Porzjon A tigi assenjata lill-ahwa Attard bhala werrieta ta' ommhom Carmela Attard li wirtet ukoll lil**

**huha Peter Paul Said; Porzjon B lil Maria Grima bhala werrieta ta’ Giuseppi Said; u porzjon C lill-werrieta ta’ Rosa Curmi. Tordna li min gie assenjat porzjon A jhallas lil min gie assenjat porzjon B is-somma ta’ elf sitt mija u disgha u tmenin ewro (€1689), filwaqt li min gie assenjat porzjon C jhallas lil min gie assenjat porzjon B is-somma ta’ elf mija u disgha ewro (€1,109). Hlas li ghandu jsir bhala ekwiparazzjoni.**

**4. Tinnomina lin-nutar Dr Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-avukat Dr Simone Grech bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci. Il-kuntratt ghandu jigi pubblikat nhar it-Tnejn 23 ta’ Novembru 2009 fid-9.00 a.m. fil-bini tal-Qorti ta’ Ghawdex.**

**Spejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal nofs (1/2) mill-werrieta ta’ Carmela Attard u Peter Paul Attard, kwart (1/4) mill-werrieta ta’ Giuseppi Said u kwart (1/4) mill-werrieta ta’ Rosa Curmi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------